TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 480/10

**Saviour Chircop**

**vs**

**Charlot Gauci**

Illum 27 t' April, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf u ħamsin ewro (€1,050), rappreżentanti kisi tal-bejt bil-liquid membrane li wara ftit beda jitqaxxar.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ingaġġa lill-intimat sabiex jagħmel il-liquid membrane fuq il-bejt u wara ftit dan il-liquid membrane beda jitqaxxar. U minkejja li qallu biex jirranġah, dan xorta ma rranġa xejn.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal, jinnota li l-intimat debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba, kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta, sabiex jiddefendi ruħu.

It-Tribunal, jinnota wkoll li sal-ħin tas-seduta l-intimat kien għadu ma ppreżentax risposta bil-miktub.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, stante li qed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti, u jikkundanna lill-intimat iħallas is-somma ta' elf u ħamsin ewro (€1,050), bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**